# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Ġuramentat.:128/2025MH**

**Numru: 19**

**35°14° Capital SCC p.l.c. (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros**

**vs**

**Elpirega Limited (C 28775), Peter sive Pierre Falzon u Helen Falzon**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà 35°14° Capital SCC p.l.c. (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros fejn ippremettiet kif

*"Jesponi bir-rispett Dr Marlon Borg, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 304189M, direttur fi ħdan is-soċjetà esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-Malti u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

1. *Illi s-soċjetà Bank of Valletta plc (C 2833) (il-"**Bank**") ikkonċediet faċilita' bankarja permezz ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Charmaine Azzopardi datat l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) lis-soċjetà intimata Elpirega Limited, fejn fl-istess kuntratt l-intimati Pierre Falzon u Helen Falzon kkostitwixxew ruħhom bħala garantit in solidum flimkien mas-soċjetà intimata (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala '**Dok A'**);*

2. *Illi bħala garanzija għall-ħlas tal-faċilita' bankarja, is-soċjetà intimata provdiet ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà tagħha, filwaqt lill-intimati Pierre Falzon u Helen Falzon ipprovdew ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà kollha tagħhom kif ukoll ipoteka speċjali fuq proprjetà ġewwa Ħ'Attard u dan kif jirriżulta mir-reġistrazzjoni bin-numru progressiv 01335 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B**');*

3. *Illi l-intimati kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilita' bankarja surreferita, tant illi waqgħu morużi fil-pagamenti u tilfu l-benefiċċju taż-żmien għall-ħlas tal-ammont dovut. Konsegwentement u b'effett mill-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), ir-rata tal-imgħax bdiet tapplika bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%);*

4. *Illi sussegwentement u permezz tal-ittra uffiċjali datata s-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) bin-numru ta' referenza 3699/2017, il-Bank interpella lis-soċjeta' intimata formalment għall-ħlas tal-ammont dovut;*

5. *Illi b'effett mit-18 ta' Diċembru 2023, is-soċjetà rikorrenti akkwistat id-drittijiet, it-titoli, l-interessi u l-benefiċċji kollha fil-konfront tal-intimati mingħand is-soċjetà Bank of Valletta plc (C 2833) liema trasferiment seħħ skont r-regolamenti tal-Att dwar is-Securitisation, Kap. 484 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kull buon fini qiegħda tiġi hawn annessa kopja tal-kuntratt ta' trasferiment (immarkat bħala '**Dok C**'), kif ukoll lista ridotta tad-debituri soġġetti għat-trasferiment (hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok D**'). Is-soċjetà Bank of Valletta plc (C 2833) infurmat lill-intimati b'dan it-trasferiment permezz ta' żewġ ittri li qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati '**Dok E**' u '**Dok F**' u dan in linea mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Kap. 484 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi għalhekk u konsegwentement, l-ammont dovut fuq il-faċilita' bankarja huwa issa dovut kollu lis-soċjetà rikorrent;*

7. *Illi l-ammont dovut sat-12 ta' Frar 2025 jammonta għas-somma totali ta' mija tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62) rappreżentanti l-kapital fl-ammont ta' wieħed u sebgħin elf, tmien mija u żewġ Ewro u disgħin ċenteżmu (€71,802.90), l-imgħax sat-12 ta' Frar 2025 li jammonta għas-somma ta' sittin elf, disa' mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€60,989.95), u spejjeż legali li jammontaw għas-somma t' erba' mija, sebgħa u għoxrin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€427.78), u dan kif jirriżulta mill-istatement of account bin-numru 40024127958 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok G**');*

8. *Illi in kawtela tal-ammont dovut, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-intimati, liema mandat iġib in-numru 129/2025 u li ġie akkordat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2025;*

9. *Illi minkejja l-ammont dovut mill-intimati fl-ammont mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62), huma xorta waħda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

10. *Illi l-intimati huma konsapevoli minn dawn il-fatti u m'għandhom l-ebda difiża x'jagħtu għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti;*

11. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa mid-direttur tas-soċjetà rikorrenti personalment li qiegħed jikkonferma dan ukoll permezz t'affidavit, anness ma dan ir-rikors u mmarkat bħala '**Dok H**'.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra li hija xierqa u opportuna:*

i. ***TILQA'*** *t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. ***TIDDIKJARA*** *li l-intimati kisru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjetà Bank of Valletta plc;*

iii. ***TIDDIKJARA*** *lill-intimati flimkien u in solidum debituri vera, ċerti u likwidi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62), oltre' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Frar 2025 sad-data tal-pagament effettiv;*

iv. ***TORDNA*** *u* ***TIKKUNDANNA*** *lill-intimati flimkien u in solidum jħallsu lis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62), oltre' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Frar 2025 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 129/2025 kontra l-intimati li minn issa huma msejjħa in subizzjoni.".*

Rat l-ewwel digriet tagħha datat 21 ta' Frar, 2025[1].

Rat li l-konvenuti ġew notifikati bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.[2]

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ma intavolaw ebda nota ai terminu ta' l-artikolu 167 et. seq, di piu' naqsu li jersqu għas-seduta appuntata biex jiddefendu l-giljottina.

[1] Folio 36.
[2] Folio 41 ukoll folio 81.

Rat id-diġriet tagħha datat 9 ta' Ġunju, 2025.[3]

Semgħet ix-xhieda ta' Dr.Marlon Borg in vista ta' dak dikjarat minnu fl-affidavit biex b'hekk bil-ġurament tiegħu kkoreġa l-isem tal-garanti.[4]

Konsegwentement rat l-affidavit ppreżentat minn Dr. Marlon Borg direttur fis-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C 105417). Qal hekk:

*"Permezz tal-kuntratt privat datat it-18 ta' Diċembru 2023 is-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros akkwistat portofol ta' non-performing loans mingħand il-Bank of Valletta plc (il-"**Bank**"), fosthom id-debitu dovut minn Elpirega Limited, liema debitu Peter sive Pierre Falzon u Helen Falzon iggarantixxew. Dan it-trasferiment seħħ skont il-Kapitolu 484 tal-Liġijiet ta' Malta. In vista' ta' dan it-trasferiment, l-ammont li kien dovut minn Marisa Spiteri u Raymond **Spiteri (recte minn Pierre Falzon u Helen Falzon)**[5] huwa issa dovut lis-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C 105417) li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros;*

*L-ammont li huwa dovut minn Elpirega Limited u l-garanti Pierre Falzon u Helen Falzon lis-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros sat-tnax (12) ta' Frar 2025 jammonta għas-somma totali ta' mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62) rappreżentanti s-somma ta' wieħed u sebgħin elf, tmien mija u żewġ Ewro u disgħin ċenteżmu (€71,802.90) għal kapital, s-somma ta' sittin elf, disa' mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€60,989.95) għall-imgħax ikkalkulat sat-12 ta' Frar 2025 u s-somma ta' erba' mija sebgħa u għoxrin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€427.78) għal spejjeż legali.*

[3] Folio 85
[4] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2025
[5] Ibid.

*Mit-trasferiment sad-data tal-affidavit Marisa Spiteri u Raymond Spiteri* ***(recte Pierre Falzon u Helen Falzon)*** *m'għamlu l-ebda pagamenti akkont."*

Żid li hu kien jaf b'dawn il-fatti b'mod personali.

Xejn minn dan ma ġie kontradett, anzi ssib support mid-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi wara li kkunsidrat il-provi prodotti wkoll in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-konvenuti, tqies li għandha tiddispensa din il-kawża billi tipproċedi bi smiegħ sommarju.

Oltre hekk tqies li ma hemm ebda raġuni valida għala t-talba attriċi m'għandix tintlaqa'.

Konsegwentement qegħda:

**TILQA'** t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**TIDDIKJARA** li l-intimati kisru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjetà Bank of Valletta plc;

**TIDDIKJARA** lill-intimati flimkien u in solidum debituri vera, ċerti u likwidi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62), oltre' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Frar 2025 sad-data tal-pagament effettiv;

**TORDNA** u **TIKKUNDANNA** lill-intimati flimkien u in solidum jħallsu lis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija, tlieta u tletin elf, mitejn, u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€133,220.62), oltre' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-13 ta' Frar 2025 sad-data tal-pagament effettiv.

**Imħallef Miriam Hayman.**

**Dep. Reġ**
**Rita Falzon.**